MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 153/2011

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Marisa Bonello u Jonathan Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Frar 2011, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €779.17 (seba' mija u disgha u sebghin Ewro u sbatax-il centezmu) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €779.17 (seba' mija u disgha u sebghin Ewro u sbatax-il centezmu) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------